**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60/2016

**10 ta' Novembru, 2016**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Viċi Sindku
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Joseph Caruana – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ppresjediet il-laqgħa.

### 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti.

### 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 59 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo issekondata mill-Kunsillier Alfred Attard, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku Alison Zerafa Civelli qrat ċirkulari 38/2016 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif mitlub mid-Direttur, is-Sur Adrian Mifsud.

60.3.2 Is-Sindku ppreżentat pjanta li tindika il-pożizzjoni tal-gabbani li se jarmaw f'jum il-festa, fit-8 ta' Diċembru, 2016.

Il-Kunsill unanimament approva din il-pjanta.

60.3.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li rċevejna l-ammont ta' €41,250 bħala parti minn nefqa kapitali mnedija mill-Gvern Ċentrali. Dawn il-fondi se jintefqu fil-proġett Grounds Peppi Delceppo skont il-ftehim li ġie ffirmat ftit tal-ġimgħat ilu.

✧ Fis-6.55pm il-Kunsillier James Cauchi ħareġ mill-laqgħa.

60.3.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li l-kor famużBormliż "Tota Pulchra" se jagħlqu 50 sena mit-twaqqif tagħhom. Għaldaqstant il-Kunsilliera approvaw li ningħaqdu magħhom f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet biex nagħmlulhom kuraġġ u jkomplu fis-suċċess tagħhom.

### 60.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti - Ottubru 2016

60.4.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax- xahar ta' Ottubru, 2016.

Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo issekondata mill-Viċi Sindku Ivan Agius, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

## 60.5 Jum Bormla

60.5.1 Il-Kunsillier Roderci k Mamo ġie mitlub jippreżenta l-programm li hu fassal għal Jum Bormla u bħas-soltu se jsir fid-19 ta' Novembru 2016.

Il-Kunsill unanimament approva l-programm.

## 60.6 Tiżjin tal-Milied 2016

60.6.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li sal-lum ħadd għadu ma tefa l-offerta għat-Tiżjin dekorattiv tat-toroq għal- festa tal-Milied 2016.

## 60.7 Christmas by the Dock 2016

60.7.1 Il-Kunsillier Roderick Mamo preżenta programm u estimi ta' Christmas by the Dock u wara s-Sindku qrat il-programm.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex ma jinkisrux il-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali u nimxu skont kif stabbilit bil-liġi.

## 60.8 Ħatra ta' Bord tal-Għażla għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv

60.8.1 Il-Kunsill unanimament approva li l-Bord tal-Għażla għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv ikun kompost minn:

1. Is-Sindku Alison Zerafa Civelli;
2. L-Avukat Byron Camilleri;
3. Il-Kunsillier Alfred Attard;
4. Il-Kunsillier Noyah Spiteri;
5. Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli.

## 60.9 Review – Kuntratt KLBO 02/2014 – Contracts Manager

60.9.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntratt KLBO 02/2016 għall-Contracts Manager wasal biex jiġi rivedut. Wara kunsiderazzjoni il-Kunsill unanimament approva li jiġi mġedded għal sena oħra.

## 60.10 Aġġudikazzjoni ta' E-Tender – KLBO 05/2016 – Provvista ta' vettura tal-Elettriku N1

60.10.1 Il-Kunsill ġie preżentat bl-evaluation report tal-e-tender KLBO 05/2016 għall-provvista ta' vettura tal-elettriku N1.

Wara konsiderazzjoni, il-Kunsill unanimament approva li jiġġudika favur Auto Sales Ltd li kienet l-unika kumpanija li xeħtet t-tender u il-prezz tagħha jaqa' fil-limiti tal-budget.

## 60.11 Mozzjonijiet

60.11.1 <u>Mozzjoni Nru 20-2016 (VII)</u>

*Minħabba problemi ta' parking abbużiv fuq il-bankini fi Triq San Ġorġ, niproponu li fuq iż-żewġ naħat tal-kareġġjata isiru 'double yellow lines' wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa minn Transport Malta.*




Proponent: Is-SIndku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

60.11.2 Mozzjoni Nru 21-2016 (VII)

*Minħabba problemi ta' parking abbużiv fuq il-bankini li qed jeffetwa lil numru ta' familji, qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali jinstalla dawn il-U Channels kemm jista' jkun malajr.*

- *Quddiem 64, Triq Santa Margerita*
- *Quddiem 167, Triq l-Oratorju*

Proponent: Il-Kunsillier Roderick Mamo
Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

60.11.3 Mozzjoni Nru 22-2016 (VII)

*Nipproponi li minflok il-fanali ornamentali suwed tal-plastic fi Pjazza Santa Margerita li jinsabu fuq il-bankina faċċata tal-uffiċju tal-Kunsill Lokali, u li issa ilhom mitfija għal snin twal minħabba ħsarat li qed ikun hemm fil-cables taħt l-art; jinqalgħu u minflok, jiġu nstallati żewġ lanterni ġodda mal-faċċata tal-Binja tal-Kunsill Lokali.*




Proponent: Is-SIndku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Viċi Sindku Ivan Agius

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

## 60.12 Korrispondenza

60.12.1 Cospicua Boating Group (05/3303/16)

Is-Sindku qrat ittra mibgħuta mis-Sinjura Victoria Butters li nfurmatna li hija u żewġha m'għadhomx parti mill-Cospicua Boating Group. Hija allegat ukoll b'xi rregolaritajiet li qed isiru f'dan il-grupp li m'humiex konformi mal-ftehim li kien sar mal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva li nkellmu l-Avukat Dr Mark Simiana.

60.12.2 Arbli fi Triq l-Inkurunazzjoni (05/3468/16)

Is-Sur Matthew Tonna Gilford għan-nom taċ-Ċentru 19 ta' Novembru 1944 talab permess mill-Kunsill biex jitwaħħlu żewġ arbli permanenti fi Triq l-Inkurunazzjoni biex jiddendlu sett ta' pavaljuni ġodda.

Il-Kunsill unanimament approva li jitwaħħlu l-arbli mitluba fil-ħamrija fejn hemm il-palm.

60.12.03 Proposta Grounds Peppi Delceppo (05/3472/16)

Is-Sinjuri Pierre u Luigi Cutajar għamlu xi proposti biex jirranġaw u joperaw il-Grounds Peppi Delceppo.

Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament approva li ninfurmawhom li l-Kunsill għadu kif daħal fi ftehim mal-Gvern Ċentrali biex nirranġaw l-imsemmija grounds.

60.12.04 Ġirja ta' 10km fit-8 ta' Diċembru 2016

Is-Sinjura Maria Vella Galea (emvigee) talbet ittra mill-Kunsill li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li fit-8 ta' Diċembru 2016 issir ġirja mill-Birgu sal-Isla u lura. It-tiġrija tibda fis-7.00am.

Il-Kunsill unanimament approva li ninfurmawhom biex tintgħażel ġurnata oħra biex ma jinħoloqx paniku propju f'jum il-festa ta' Bormla.

60.12.05 Korsijiet tal-Crafts għall-Milied (10/11/2016)

Is-Sindku proponiet li jsir kors mis-Sinjura Maria Mercieca tal-crafts għall-Milied fil-ġranet wara it-22 ta' Novembru sal-20 ta' Diċembru 2016. L-ispejjeż li jinkludu l-materjal u l-kordinatriċi Maria Merciea jkunu ta' madwar €150.

Wara konsiderazzjoni, il-Kunsill unanimament approva din il-proposta li ġiet issekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri.

60.12.06 Fitness Classes (01/11/2016)

Is-Sinjura Suzanne Bonnici tixtieq tniedi klassijiet tal-Weight Loss Challenges, Fitness u Nutrition Talks għar-residenti ta' Bormla. Dawn il-lezzjonijiet isiru għall-pagament ta' €49 għal 8 ġimgħat u jibdew f'Jannar 2017.

Il-Kunsilliera Noyah Spiteri u Pablo Cachia Belli xtaqu jkunu jafu aktar dettalji u għaldaqstant ġew inkarigati biex jiltaqgħu mas-Sinjura Bonnici.

## 5.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2016 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 30 ta' Novembru, 2016

*IFFIRMATA* *IFFIRMATA*

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

**Joseph Caruana**
Segretarju Eżekuttiv